# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum l-Erbgha 7 ta' Frar, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 530/2021MH**

**Numru:**

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur**

**vs**

**Raymond Formosa**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali tal-31 ta' Mejju 2021** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*I. Illi Michael Angelo Spiteri ID 027646(M) u martu Anna Spiteri ID 0130463(M) talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 452/2020 kontra l-intimat Raymond Formosa (kopja tal-mandat tinsab hawn annessa bhala Dok A);*

2. *Illi in segwitu ghall-mandat fuq imsemmi u fl-atti tal-istess mandat, l-imsemmija konjugi Spiteri pprezentaw rikors fejn talbu li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-intimat Raymond Formosa ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors (kopja tar-rikors tinsab hawn annessa bhala Dok B);*

3. *Illi permezz ta' Digriet taghha datat 16 ta' Marzu 2021, din 1-Onorabbli Qorti, wara li rat l-atti, ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-procedura ta' disprezz kontra l-intimat Raymond Formosa. (kopja tad-Digriet qeda hawn annessa bhala Dok C);*

4. *Illi ghalhekk in adempiment ma' dik 1-ordni 1-esponenti qed jintavola dan ir-rikors guramentat;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:*

*I. Issib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 997 u 1003 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-intimat ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerijia flimkien;*

3. *Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluzi billi tiffissa tmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-intimat Raymond Formosa tas-26 ta' Lulju 2021**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

[1] Fol 48 et seq

1. *"Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħrajn, ir-rikors ġuramentat* promotur jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 174 tal-Kapitolu 12 *tal-Liġijiet ta' Malta kwindi li n*-numru tal-karta tal-identità tal-*esponent huwa indikat b'mod żbaljat;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħrajn, ir-rikors ġuramentat promotur huwa irritu u null stante li bi ksur* tal-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 *tal-Liġijiet ta' Malta, ma jikkontjenix dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża u partikolarment, hija karenti għal kollox dikjarazzjoni ġuramentata dwar il-fatti speċifiċi li a bażi tagħhom, id-*Direttur rikorrenti *jemmen li l-*esponent *għandu jinstab ħati ta' disprezz lejn l-*Awtorità tal-Qorti*;*

3. *Illi fil-mertu, l-azzjoni esperita mid-Direttur rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ampjament espost matul is-smiegħ tal-kawża;*

4. *Illi jinħtieġ li d-*Direttur rikorrenti *jipprova dak allegat minnu sal-grad rikjest mil-liġi speċjalment fid-*dawl *tal-fatt illi l-proċeduri odjerni ta'* disprezz huma ta' indoli *kważi-kriminali u għalhekk iridu jikkonkorru kemm* l-element fattwali kif ukoll l-element intenzjonali. *Dan ifisser għalhekk illi sabiex il-kawża odjerna tirnexxi, ir-rikorrenti irid iġib prova rafforzanti, konklussiva u qawwija li turi lilhinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li l-esponent aġixxa in disprezz tal-*awtorità tal-Qorti*;*

5. *Illi l-fatti li preżumibbilment aġixxa fuqhom id-*Direttur rikorrenti *huma kontestati. Senjatament, jingħad li bl-installazzjoni li għamel l-esponent la għalaq, la neħħa u wisq anqas imbarra it-tieqa de quo imma sempliċiment ħa miżuri sabiex* jipprotegi l-post godut minnu mill-elementi tan-natura. *Jibqa' ukoll il-fatt li sa fejn hija konċernata t-tieqa, l-affari baqgħat status quo sa minn qabel ma ġie akkordat il-mandat t'inibizzjoni 452/2020 GM u*

*b'hekk l-esponent qatt ma seta' wettaq xi att ta' disprezz punibbli skont il-liġi;*

6. *Illi ukoll, l-esponent għandu diffikultajiet kbar jifhem kif kien ġie akkordat il-mandat t'inibizzjoni 452/2020 GM stante li meta l-esponent ġie notifikat bih, kollox kien kompletat bil-mod kif inhu sal-lum il-ġurnata u allura jsegwi li l-esponent qatt ma seta' jiġi inibit milli jagħmel xi ħaġa li kienet diġà saret u lesta (fatto compiuto);*

7. *Illi in ogni caso, ma jeżistux l-estremi rikjesti mill-liġi għall-sejbien ta' disprezz u dan għaliex l-esponent qatt ma kellu intenzjoni li juri xi forma ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti;*

8. *Illi huwa ċar li meta għamlu r-rikors tagħhom quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex id-Direttur rikorrenti jiġi ordnat jipproċedi ai termini tal-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Michael Angelo Spiteri u martu Anna Spiteri kienu motivati minn pika u malizzja u qed jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju billi dawruh f'għodda biex jivvessaw, idejjqu u jagħtu fastidju lill-esponent u lil martu. Bl-akbar risett, dina l-Onorabbli għandha tagħraf din il-motivazzjoni ħażina tal-konjuġi Spiteri u tqisha ta' li hi;*

*Bl-ispejjeż kontra d-Direttur rikorrenti li huwa minn issa inġunt in subizzjoni."*

Fl-ewwel lok rat id-digriet tal-Prim'Imħallef ta' ri-assenjazzjoni ta' din il-kawża lil din il-Qorti kif preseduta.[2]

Rat il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet imressqa.

[2] Folio 46

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni d-Direttur rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti ssib lill-intimat ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha ai termini tal-artikolu 997 u 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal żmien ta' priġunerija jew ħlas ta' multa skont il-liġi. Dan oltre kwalunkwe ordni oħra meħtieġa inkluż bl-għoti ta' żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet jiġu sodisfatti.

Minn naħa tiegħu l-intimat jirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma dawn –

i. Permezz ta' rikors datat 30 t'April 2020[3], Michael Angelo Spiteri u martu Anna Spiteri talbu lill-Qorti takkorda l-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 452/2020 fl-ismijiet *Michael Spiteri et vs Raymond Formosa* u dan sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom billi l-intimat u/jew nies imqabbda minnu jinżammu milli –

*"jagħlquhom u/jew ineħħulhom u/jew jinbarrawlhom it-tieqa bil-kontraporti fil-ħajt diviżorju bejn il-fond 70, Section A, Torri l-Abjad, Armier, limiti tal-Mellieħa, fil-pussess tar-rikorrenti, u l-garaxx 71 Section A, Torri l-Abjad, Armier, Limiti tal-Mellieħa fil-pussess tal-intimat, u dan kif jirriżulta mir-ritratt hawn anness u mmarkat bħala Dokument B kif ukoll biex jiġi mwaqqaf l-istess intimat milli jaqla' pajpijiet u/jew kanen tal-fence mwaħħlin mal-appoġġ tal-*

[3] Fol 4 et seq

*garaxx tal-istess intimat, liema tieqa u pajpijiet ilhom hekk kostruwiti u mwaħħla għal aktar minn tletin (30) sena."*

ii. F'dak l-istess rikors il-konjuġi Spiteri kienu ppremettew fost oħrajn li t-tieqa, pajpijiet u/ew kanen tal-fence ilhom hekk imwaħħla għal aktar minn tletin sena filwaqt li t-tieqa msemmija tinfetaħ għal fuq il-parapett tal-intimat Formosa u tieħu l-arja mill-istess parapett tal-intimat. Irreferew ukoll għal problemi u nċidenti relatati bejn il-partijiet fejn l-intimat kien qed jesiġi l-għeluq tat-tieqa u fin-nuqqas kien lest li jieħu l-liġi b'idejh u jimblukkaha u jaqla l-pajpijiet tal-istess fence. Irreferew ukoll għall-fatt li l-intimat kien qed jipprepara biex jagħmel u jikkostruwixxi ħajt tal-ġebel biex eventwalment jimbarra t-tieqa tagħhom;

iii. Ġew esebiti wkoll ritratti marbuta mal-mertu in kwistjoni;

iv. Permezz ta' **digriet datat 30 t'April 2020** it-talba tal-konjuġi Spiteri ġiet milqugħa proviżorjament u sussegwentement, waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2020, il-Qorti semgħet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

v. Permezz ta' **digriet datat 14 ta' Mejju 2020**[4] il-Qorti kkonfermat definittivament id-digriet proviżorju tagħha tat-30 t'April 2020 u laqgħet it-talbiet kif dedotti fir-rikors u ordnat il-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni in kwistjoni;

vi. **Fil-11 ta' Jannar 2021** il-konjuġi Spiteri ntavolaw rikors fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru 452/20 permezz ta' liema sostnew li l-intimat Formosa, nonostante l-ordni tal-Qorti permezz tal-Mandat t'Inibizzjoni, baqa' jaġixxi bi ksur tal-ordnijiet tal-Qorti billi wettaq azzjonijiet ulterjuri li permezz tagħhom ma

[4] Fol 6

jħallix lir-rikorrenti jiftaħ it-tieqa konċernata fil-mandat għal fuq it-terrazzin imsemmi fil-mandat. Għaldaqstant talbu li ai termini tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ir-Reġistratur jiġi awtorizzat jistitwixxi proċeduri ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti;

vii. Minn naħa tiegħu l-intimat Formosa rrespinġa tali allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala frivoli u vessatorji u talab lill-Qorti tiċħad it-talba;

viii. Permezz ta' **digriet datat 16 ta' Marzu 2021**[5] din il-Qorti diversament preseduta wara li rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet qieset li l-aġir tal-intimat Formosa, *prima facie*, jista' jkun li jekwivali għal disprezz lejn l-ordni tal-Qorti mogħtija fl-atti tal-mandat Rik Nru 452/2020 bid-digriet tal-14 ta' Mejju 2020 u għaldaqstant ai termini tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili sabiex jipproċedi bi proċeduri ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti fil-konfront tal-intimat;

ix. Il-proċeduri odjerni ġew intavolati fil-31 ta' Mejju 2021.

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat** jingħad li r-rikors ġuramentat jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 174 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li n-numru tal-karta tal-identita' tal-istess Raymond Formosa hija ndikata b'mod żbaljat.

**L-artikolu 174 (2) tal-Kap 12** jipprovdi hekk -

[5] Fol 15 et seq

*"Kull skrittura jew att ieħor li għandhom jiġu notifikati,għandu jkollhom magħhom:*

*(a) in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, jekk ikun il-każ, jekk il-persuna qed tagħmel it-talba fil-kapaċità tagħha;"*

Huwa minnu li fir-rikors ġuramentat in-numru tal-karta tal-identita' tal-intimat huwa ndikat bħala 01231366M mentri dak korrett kif indikat fir-risposta ġuramentata tiegħu huwa 0231366M.

Madankollu ma jfissirx li dan in-nuqqas għandu jwassal għal konsegwenzi drastiċi fil-konfront tal-azzjoni tar-rikorrent. L-identita' tal-persuna ta' Raymond Formosa hija ben definita u identifikabbli mid-dettalji l-oħra ndikati fir-rikors ġuramentat inkluż id-dettalji tal-indirizz ta' residenza tiegħu. Infatti l-istess Raymond Formosa debitament wieġeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrent u kwindi ma sofra ebda preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu.

**L-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Raymond Formosa** ġiet sollevata n-nullita' u l-irritwalita' tar-rikors ġuramentat stante li fil-fehma tiegħu bi ksur tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ma jikkontjenix dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża u partikolarment, hija karenti għal kollox dikjarazzjoni ġuramentata dwar il-fatti speċifiċi li a bażi tagħhom, id-Direttur rikorrenti jemmen li l-esponent għandu jinstab ħati ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti.

In tema legali l-Qorti tibda billi tosserva li fost ir-rekwiziti mehtiega f'rikors guramentat, **l-artikolu 156 tal-Kap 12** jipprovdi hekk:

*“**156.** (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -*
*(a) dikjarazzjoni li tfisser b’mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f’paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*
*(b) ir-raġuni tat-talba;*
*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati;”*

Dwar l-implikazzjoni tad-diċitura f’dan l-artikolu li jirrikjedi tifsir “b’mod ċar u sewwa” tal-oġġett tal-kawża u r-raġuni tat-talba, intqal hekk fil-kaz **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et deciz fl-14 t’April 2016**[6] -

*“Kif qalet il-Qorti, fil-kawza **Jonah Caruana et vs Kummissarju tal-Artijiet et**, PA 14/01/2016, fuq it-tifsira tal-kliem ’tifsir car u sewwa tal-oggett u raguni tat-talba’ intqal hekk: ‘Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispozizzjoni li wiehed isib ghadd ta’ decizjonijiet tal-Qrati taghna li jfissru l-limiti taghha fid-dawl tal-eccezzjoni tan-nullita’ tal-att promotur ta’ kawza minhabba n-nuqqas ta’ harsien tal-ligi. Bosta minn dawn id-decizjonijiet inghataw minhabba li jkun gie allegat li t-talba kienet incerta. Biz-zmien issawret it-tejorija, maghrufa bhala “tal-ekwipollenti”, li nisslet il-principju li mhijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni tal-azzjoni[7];*

*Illi, ghalhekk, rikors mahluf m’ghandux jitwaqqa’ ghajr ghal raġunijiet gravi[8]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta’ kjarezza jkun ta’ ghamla u kwalita’ tali li jcahhad b’mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ir-Rikors Mahluf ghandu jitwaqqa’[9].*

---

[6] Rik Gur 1190/10MCH

[7] PA 09/03/1965 fil-kawza fl-ismijiet **M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe**. (Kollez. Vol: XLIX.ii.809) ‘imsemmija

[8] App 20/02/1935 fil-kawza fl-ismijiet **Merola pro et vs Caruso** (Kollez. Vol: XXIX..i.106)

[9] App 22/05/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Scicluna vs Xuereb et** (Kollez. Vol: LI.i.299); u Kumm 19/06/1989 fil-kawza fl-ismijiet **Frendo noe vs Attard noe** (Kollez. Vol: LXXIII.iv.971) u s-sentenzi hemm imsemmija

*Ghaldaqstant, biex Rikors Mahluf jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha[10], u li tali tifsira, kif inghad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur[11];*

*Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal azzjoni ghandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri[12]. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza[13]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura ma jistax jinghad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-procedura ma tkunx tista' tigi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet[14];*

Fl-każ **George Micallef vs Anthony Grima et deciz fid-29 t'April 2016** il-Qorti tal-Appell qalet hekk[15]:

*"In tema legali din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza interpretattiva u li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza soggett ta' dan l-appell. "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [**Vol.XXXIV.III.746**].*

[10] PA 14/02/1967 fil-kawza fl-ismijiet **Coleiro vs Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779)
[11] App Kumm 20/01/1986 fil-kawza fl-ismijiet **Bonnici vs Zammit noe et** (Kollez. Vol: LXX.ii.243)
[12] App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)
[13] App 30/03/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** (mhix pubblikata)
9
[14] PA 24/06/1961 fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol: XLV.ii.696)
[15] Rik Nru 4/14

…….

*"Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment gie mitlub*[16] *bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta.* ***[Vol.lXXXV.II.776]****."* ***[App.S Carmelo Scicluna et vs Angelo Scicluna, 27 Frar 2015]***

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-Qorti tqis li t-talbiet elenkati fir-rikors promotur huma mfassla u mfissra b'mod tali li l-intimat evidentement fehem sew l-intenzjoni u l-pretensjoni tad-Direttur rikorrent. Infatti l-intimat ma kellux diffikulta' sabiex iressaq id-difiża tiegħu fil-każ.

**L-eċċezzjoni hija miċħuda.**

**Mertu**

L-azzjoni hija arġinata ai termini tal-**artikoli 997 u 1003A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdu hekk -

*"997.(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn*

[16] Sottolinear tal-Qorti

*u tnejn u tletin euro uerbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompl in-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.*

*(.......)*

*"1003A. Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur."*

Ingħad hekk in materja fil-każ fl-ismijiet **Reġistratur tal-Qorti vs Carmelo sive Charles Ellul deċiż fit-30 ta' Jannar 2003**[17] **-**

*"Illi l-procedura ghal disprezz ghandha natura partikolari. Hija mahsuba biex thares ir-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti. Wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni*

[17] Cit Nru 92/2001

*jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita' li biss sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt";*

*Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ippruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u, b'konsegwenza ta' hekk, l-awtorita' taghha;*

*Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni iehor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti ohra, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null u bla siwi;*

*Illi, mehud f'dan id-dawl, il-procediment tad-disprezz m'huwiex rimedju ghall-persuna li tkun talbet it-tehid tieghu, imma sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu (jew bl-omissjoni tieghu, skond il-każ) ksur ta' ordni moghtija lilu."*

Inghad ukoll fil-kaz **Paola Cassar vs Joseph Zammit deciz 27 t'Ottubru 2016**[18]**-**

*"...kull allegat ksur ta' ordni ta'Mandat ta' Inibizzjoni tista' taghti wkoll lok ghal bidu ta' procedura ta' disprezz skont il-procedura stabbilita bl-artikolu 1003A tal-Kap 12.*

*Illi, evidentement, dawn ir-regolamenti huma mehtiega biex tinzamm l-ordni. Fil-kaz "**Il-Qorti vs George Galea**", Appell Civili deciz fl-14 ta' Marzu 1988, **LXXII.ii.228**) intqal:*

[18] Nru 666/16

*"…li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor."*

*Illi skont kif inghad f'kaz "**Dr. Louis Vella proprio et nomine vs Joseph Gatt**", P.A. deciza fid-29 ta' Mejju 2001, ….. "li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma' jista' jmur kontra l-ligi u jinjora l-ordnijiet li taghti l-Qorti."*

*Illi dan il-principju hu ben affermat fil-gurisprudenza taghna tant li gie ritenut:*

*"min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti." (**Vol.XXXVII PIII p 910**). Ukoll, fil-kaz "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**", Appell Civili deciz fis-7 ta' Ottubru 1997, intqal:*

*"ordni tal-Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javvera ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li jagixxi skont dik l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha".*

*Difatti, mal-medda tas-snin, gie stabbilit mill-Qrati taghna li li min jinsab hati ta' ksur ta' ordni ta' Qorti moghti f'mandat ta' Inibizzjoni jsir hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha.*

*Jigi ritenut, li l-proceduri ta' disprezz, ghalkemm fis-sura ta' proceduri civili, huma wkoll ta' natura penali, il-proceduri fit-Titolu XVII tal-Kap 12, li jitratta l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti.*

*[…..]*

*Illi fis-sentenza "**Il-Qorti vs Carmelo Damato**" P.A., (CS) 29 ta' Marzu 1984, Vol.LXVIII.iii.51) intqal:*

*"….min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun geghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza mieghu minghajr ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali, ghax mill-punto di vista guridika dak il-mottiv mhu ta' ebda valur. (Vol. XXXVII.iii.910)" (Ara wkoll dwar il-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti l-kawza "**Il-Pulizija vs Meinrad Calleja**" tat-8 ta' Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati); "**Ir-Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM, 7 ta' Mejju 2001).*

*Minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha. (Ara "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" A.C. 7 Ottubru 1 997, u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" –LXXIv.iii.546)."*

Fl-isfond ta' dawn il-principji ġurisprudenzjali l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet -

1. L-għan tal-Mandat t'Inibizzjoni Rik 452/2020 li kien intlaqa' temporanjament f'April 2020 u konfermat definittivament fl-14 ta' Mejju 2020 kien sabiex iwaqqaf lill-intimat milli jagħlaq u/jew ineħħi u/jew jimbarra t-tieqa bil-kontraporti fil-ħajt diviżorju li jifred il-proprjeta' tal-istess intimat minn dik tal-konjuġi Spiteri;

2. Kif xehed Michael Spiteri[19] dan seħħ peress f'dik l-epoka l-intimat kien ikkostruwixxa ħajt fil-parapett tiegħu b'tali mod li ċaħħad lill-istess konjuġi Spiteri milli jiftħu l-kontraporti għal fuq l-arja tal-parapett tal-intimat oltre li kien qed ipoġġilhom oġġetti mobbli (washing machine)

[19] Fol 22

mal-istess tieqa biex jimbarrahielhom u biex ma jkunux jistgħu jiftħu l-istess tieqa. Ir-ritratti esebiti juru dan;

3. Naturalment il-mertu tal-proċeduri odjerni huwa dak li seħħ wara l-ħruġ tal-Mandat u ċioe' l-fatt li għall-ħabta tat-8 u 9 ta' Jannar 2021 l-intimat għalaq il-parapett – li għal fuqu tisporġi t-tieqa tal-konjuġi Spiteri – b'purtiera tal-plastik. Dan fil-fehma wassal biex il-parapett ġie qisu kamra u huma ġew imċaħħda mill-arja permezz tat-tieqa proprjeta' tagħhom;

4. L-intimat Raymond Formosa xehed hekk –

*"Mela, il-plastic canvas wahhaltu minhabba illi hemmhekk jaghmel hafna rih, jaghmel forza ghaxra, u iktar gieli, u beda gej ir-ramel u biex nipprotegi mir-rih ghax ma stajtx noqghod hemmhekk ghax bdejt naqta' nifsi wkoll."*

5. Dan bħala fatt huwa kkonfermat ukoll minn martu Luba Shaina, li bil-lingwa Ingliża, għax ta' nazzjonalita' Russa, kkonfermat lil plastik li saret mal-veranda, pero mhux mat-tieqa,  saret bħala ilqugħ mit-temp xitwi. Spjegat ukoll li dan , kif jidher mir-ritratti esebiti,  kien ilqugħ temporarju.

6. Il-Qorti tqis fl-ewwel lok li n-natura tal-ilment avvanzat mill-konjuġi Spiteri mhuwhiex marbut ma' dak li Raymond Formosa kien ġie inibit milli jagħmel bil-mandat in kwistjoni għalkemm jitratta l-istess parapett u l-istess tieqa. Hawnhekk si tratta ta' nċirata tal-plastik li, kif jidher mir-ritratti, twaħħlet man-naħa ta' barra tal-parapett u f'ċerta distanza mit-tieqa tal-konjuġi Spiteri u għalhekk ma tistax titqies li tagħlaqha jew timbarraha bħal ma kienu l-mobbli u l-ħajt li tpoġġew mill-intimat qabel il-ħruġ tal-mandat;

7. Lanqas jista jingħad li din l-inċirata kienet qed jagħlqu d-dawl u l-arja mit-tieqa in kwistjoni stante li kif jidher mhux biss mir-ritratti imma wkoll mix-xhieda, din kellha partijiet sostanzjali minnha li kienu trasparenti sabiex tippermetti l-aċċess għad-dawl u anke setgħu jiġu rrumblati biex jippermettu l-aċċess għall-arja;

8. Għalhekk il-Qorti ma tistax tara li fiċ-ċirkostanzi esposti l-intimat wera disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kif espressa fil-Mandat t'Inibizzjoni Rik 452/2020;

9. Di piu', kif xehdet Anna Spiteri stess, eventwalment din l-inċirata kien neħħiha[20]. Ukoll, żewġha Micheal Spiteri donnu jitfixkel meta u kif sar l-iżgombru tat-tieqa u jinsisti li bil-plastik li tella' Formosa madwar il-parpett ingħalqitlu l-arja li kien jieħu mit-tieqa. Tali provi ma jistgħux jwasslu għal grad li trid il-liġi f'dawn il-proċeduri ta' indolu kważi kriminali.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talba tad-Direttur rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

[20] Xhieda tal-14 ra' Lulju 2023

**Maraya Aqulina.**

**Dep. Reg.**